

# MIN HUMA?

## minn Tony Terribile

Is-saqaf tal-Knisja parrokkjali tal-Ħamrun huwa wieħed mill-aqwa xogħlijiet tal-pittur Malti Emvin Cremona magħmul fil-bidu tas-snin sebgħin.

Fih dehra mill-isbaħ ta' pittura mżewqa b'disinji mdehba fuq sfond sewdieni. Ix-xogħol ta' l-iskultura jkompli jżejjen din il-biċċa xogħol ta' l-arti. F'dan is-saqaf Cremona tana x-xbihat tat-tnax-il appostlu flimkien ma' numru sabiħ ta' anġli iżda fil-bidu ta' din il-biċċa xogħol, jiġifieri f'dik il-parti ta' fuq in-navi fejn naraw il-kwadri tal-Madonna tad-Duttrina u ta' San Benedittu għandna mpittra erba' Papiet. Hawnhekk forsi tiġina l-mistoqsija dwar min huma u x'rabta għandhom dawn il-papiet ma' San Gejtanu.

L-ewwel wieħed hu Klement VII. Dan il-Papa kien il-Kardinal Giulio Dei Medici u sar Papa fid-19 ta' Novembru tas-sena 1523. Dam ħdax-il sena Papa. Kienu snin diffiċli ħafna għax it-tagħlim ta' Luteru kien inxtered sew mad-dinja kollha. Barra din il-kwistjoni, fi żmien dan il-Papa, qamet ukoll il-kwistjoni ta' Enriku VIII ta' l-Ingilterra meta dan ried jitlaq lil martu u jiżżewweġ lil Anna Bolena. Kien il-bidu tal-Protestantiżmu fl-Ingilterra. Minkejja dan kollu, fi żmien dan, il-Knisja kellha bosta konsolazzjonijiet għax kienu bosta l-erwieħ tajba li qamu u waqqfu lil dan it-tagħlim żbaljat. Fost dawn kien hemm San Gejtanu li flimkien ma' Pawlu Carafa waqqfu t-Tijatini. Dan il-Papa approva dan l-Ordni ta' San Gejtanu, u għal din ir-raġuni, il-Papa Klement VII sab ruħu mpitter fis-saqaf tal-knisja parrokkjali tal-Ħamrun. Dan il-Papa miet fl-24 ta' Settembru tas-sena 1534.

It-tieni Papa mpitter f'dan is-saqaf huwa Ġulju II. Kien Papa ieħor tas-seklu sittax. Ismu kien Giuliano della Rovere. Kellu diġà sebgħin sena meta sar Papa fl-1503 iżda b'danakollu wera dinamiżmu kbir bħala mexxej ta' l-Istat pontifiċju u wkoll bħala ragħaj tal-merħla.

Bosta kritiċi ħarsu lejh bħala s-Salvatur ta' l-Istat pontifiċju u fl-istess ħin statistika mill-aqwa. Dan il-Papa bagħat fl-Amerika l-ewwel missjunarji biex iwasslu l-bxara t-tajba ta'Kristu. Laqqa' Konċilju fil-Lateran u ta bidu għall-bini tal-Bażilika ta' San Pietru. Fit-18 ta'April tas-sena 1506 poġġa l-ewwel ġebla ta' dan il-proġett. X'kienet ir-rabta tiegħu ma' San Gejtanu?

Fl-1480 ħatru bħala monsinjur u protonarju appostoliku. F'din il-kariga San Gejtanu wettaq ħafna xogħol fejjiedi, iżda wara l-mewt ta' dan il-Papa li seħħet fil-21 ta' Frar tas-sena 1513, irriżenja u reġa' sar qassis bil-ħsieb li jwaqqaf it-Tijatini kif fil-fatt għamel ftit snin wara.

Il-Papa l-ieħor impitter f'dn is-saqaf jagħtina d-dehra tal-Papa Pawlu IV.

Dan kien il-Kardinal Gian Pietro Carafa u mexxa l-Knisja mis-sena 1555 sas-sena 1559. Ħadem ħafna ma' San Gejtanu fit-twaqqif tat-Tijatini. Kien ukoll isqof ta' Chieti u legat appostoliku fl-Ingilterra u fi Spanja. Kien ukoll fuq it-tmun tal-Konċilju ta' Trento. Kien ukoll inkwiżitur iebes ħafna. Id-dixxiplina tiegħu kienet twerwer lil kulħadd. Fl-1524 irriżenja minn Isqof u qassam kollox lill-foqra u ngħaqad ma' San Gejtanu. Kellu ħafna fiduċja fih u wkoll fit-Tijatini. Kemm hu hekk, meta sar Papa, fdalhom ir-riforma tal-Brevjar u tal-Missal.

Is-severità u d-dixxiplina tiegħu, ġibdu lejh stmerrija kbira minn bosta. Kemm hu hekk,meta miet fl-1559 ħadd ma bkieh u difnuh bla ebda ċerimonji solenni fil-kripta tal-Vatikan, iżda wara, il-Papa ta' warajh difnu fil-knisja ta' Sancta Maria Minerva. Billi dan il-Papa ħadem ħafna ma' San Gejtanu, il-pittur Cremona pittru fis-saqaf tal-knisja parrokkjali tal-Ħamrun.

L-aħħar Papa mpitter hu Leone X. Dan kien il-Kardinal Giovanni dei Medici u kien Papa bejn is-sena 1513 u s-sena 1521.

Fi żmien dan il-Papa faqqgħet il-kwistjoni ta' Luteru fil-Ġermanja. Kienet il-bidu tal-Luteraniżmu li wara nfirex ma kull rokna ta' din l-art kbira, wkoll fl-artijiet qrib il-Ġermanja. F'din il-mewġa ta' Luteraniżmu San Gejtanu kien fl-aqwa tiegħu u bil-predikazzjoni u bl-eżempji tiegħu għeleb ħafna u rebaħ bosta Luterani. Għal din ir-raġuni Leone X sab f'San Gejtanu qawwa u sur kbir ta' Fidi f'din il-problema tal-Luteraniżmu li kien qed jifni l-Knisja ta' Kristu. Dan il-Papa miet fl-1 ta' Diċembru tas-sena 1521. Il-fiduċja li Leone X kellu f'San Gejtanu ġegħlet lill-pittur Cremona jpitter lil dan il-Papa f'dan is-saqaf.



Kif rajna dawn l-erba' Papiet kellhom sehem kbir u mportanti fit-tmexxija tal-Knisja fis-seklu sittax. Kienu żminijiet diffiċli meta l-Knisja kienet għaddejja minn kwistjonijiet ħorox kemm barra minnha u kemm fi ħdanha. Dawn l-erba' Papiet raw f'San Gejtanu l-bniedem ta' Alla li jista' jgħinhom u għalhekk sejħulu u fdawlu missjonijiet importanti li meta dan il-qaddis wettaqhom, ħallew il-frott mixtieq.

Għalhekk, kull darba li nħarsu lejn il-pittura ta' dawn l-erba' mexxejja tal-Knisja niftakru fis-sehem kbir li dan il-qaddis ta fit-tmexxija diffiċli li kellha l-Knisja fis-seklu sittax.